**26 ta'Mejju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Zahra

**Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali - Formalità Sostanzjali - Nullità tas-Sentenza - Piena**

*In-nuqqas ta' indikazzjoni ta' l-artikoli tal-liġi skond l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalità sostanzjali sollevabbli mill-Qorti 'ex officio' anke jekk l-appellant ma jilmentax min-nullità tas-sentenza.*

*Meta l-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata u tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża fuq il-meritu, il-Qorti tkun effettivament qed taġixxi ta' Qorti ta' prim' istanza u għalhekk ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) ta' l-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali. Però żieda fil-piena f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha ssir biss meta jkun hemm raġunijiet li verament jimmeritaw dan l-awment u għalhekk, bħala regola ġenerali, għandha tiġi rispettata l-piena komminata mill-ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Anthony Zahra;

*Omissis*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat-2 ta' Marzu, 1994;

*Omissis*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anthony Zahra minnu ppresentat fis-7 ta' Marzu, 1994 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza tal-Qorti inferjuri hawn aktar 'l fuq indikata u konsegwentement tilliberah mill-akkużi kollha miġjuba kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Jiġi qabel xejn ippreċisat li fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 1994 quddiem din il-Qorti, il-prosekuzzjoni u d-difiża qablu li l-offiżi li ġarrab Toni Pace fl-inċident in kwistjoni kienu ta' natura gravi *per durata;*

2. Il-Qorti tosserva fit-tieni lok li s-sentenza, fil-parti dispositiva tagħha, donnha titkellem dwar żewġ imputazzjonijiet, li mit-tieni waħda l-imputat (illum l-appellant) ġie lliberat. L-appellant jaqbel ukoll (kif jirriżulta mir-rikors ta' appell tiegħu) li hu ġie lliberat mill-imputazzjoni li saq il-karozza bid-dawl mitfi. Jekk wieħed jara l-komparixxi isib li l-maġistrat immarka bil-linka l-imputazzjoni ta' sewqan ta' karozza bid-dawl mitfi bin-numru 2 f'ċirku u l-kumplament bin-numru 1 f'ċirku. Dan ifisser li meta l-ewwel Qorti sabet lil Zahra ħati, kienet qed issibu hekk ħati ta' dak immarkat bin-numru 1, u dan jikkonsisti minn żewġ imputazzjonijiet u mhux minn imputazzjoni waħda: l-imputazzjoni ta' sewqan b'veloċità qawwija u b'manjera perikoluża (reat ikkontemplat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65) u l-imputazzjoni ta' offiża gravi involontarja fuq il-persuna ta' Toni Pace (artikolu 226 tal-Kap.9). Però l-ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha, iċċitat biss l-artikolu 15 tal-Kap.65, u dana bi ksur ta' l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Dan hu nuqqas ta' formalità sostanzjali fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 428 tal-Kodiċi Kriminali liema nuqqas, skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, jista' jiġi ssollevat mill-Qorti *ex officio* anke jekk l-appellant ma jilmentax min-nullità tas-sentenza. Għalhekk din il-Qorti qed tħassar u tannulla s-sentenza appellata u, fit-termini ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, ser tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża fuq il-meritu;

3. Meta din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata u

tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża fuq il-meritu, din il-Qorti tkun effettivament qed taġixxi ta' Qorti ta' prim' istanża. B'hekk diversi sentenzi ta' din il-Qorti rritenew li f'każijiet simili din il-Qorti tista' addirittura iżżid il-piena, anke meta l-appell ikun biss tal-persuna misjuba ħatja, jiġifieri minkejja s-subartikolu (7) ta' l-artikolu 428 imsemmi, f'liema każijiet l-imsemmi subartikolu ġie ritenut li ma japplikax (ara f'dan is-sens **Il-Pulizija v. Emmanuele Fenech**, 15/3/58, Vol. XLII.IV.1302; **Il-Pulizija v. Marco Hammet u Marco Vella**, Appell Kriminali, 9/1/92). Din il-Qorti però, almenu kif presjeduta, tifhem li tali żieda fil-piena f'dawn iċ-ċirkostanzi għandha ssir biss meta jkun hemm raġunijiet li verament jimmeritaw dan l-awment u li għalhekk, bħala regola ġenerali, għandha tiġi rispettata l-piena kkomminata mill-ewwel Qorti;

4. Kwantu għall-meritu, din il-Qorti, wara li semgħet ix-xhieda jiddeponu tara li hemm dubju raġjonevoli dwar l-akkuża ta' sewqan ta' karozza bid-dawl mitfi, u għalhekk ser tillibera lil Zahra, kif *del resto* kienet għamlet l-ewwel Qorti, min din l-akkuża. Lanqas hemm prova, fil-grad rikjest mil-liġi fi proċedimenti penali, kwantu għall-veloċità qawwiji li biha Anthony Zahra allegatament kien qed isuq il-karozza. Però hu abbundantement ċar, anke mid-deposizzjoni biss ta' l-istess Zahra, li dana ma kienx qed iżomm "*proper lookout*" fil-mument tas-sinsistru. Infatti hu inkonċepibbli kif, jekk Zahra kien verament qed isuq bil-10 kilometri fis-siegħa kif xehed, dana ma rax lil Pace jaqsam, u dana meta l-liwja fit-triq hi, kif Zahra jallega fir-rikors ta' appell tiegħu, ċirka mitejn pied mill-post fejn intlaqat Pace. Dan jammonta għal sewqan traskurat ("*negligent driving*"), li hu delitt kompriż u involut fl-akkuża ta' sewqan perikoluż ("*dangerous driving*"). Jirriżulta wkoll ċar mill-provi li minħabba dan is-sewqan traskurat ("*carelessness*") Toni Pace sofra offiżi ta' natura gravi *per durata;*

5. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tħassar (kif diġà għamlet) is-sentenża tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tat-2 ta' Marzu, 1994 fl-ismijiet premessi, u minflok ssib lil Anthony Zahra ħati talli fis-16 ta' Settembru, 1993 għal xi 'l ħamsa neqsin kwart ta' filgħodu saq karozza S-0665 matul Triq Santa Marija, Marsalforn, Għawdex, bi traskuraġni, kif ukoll ħati talli fl-istess ħin u lok bi traskuraġni, ikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Toni Pace, u tilliberah mill-imputazzjonijiet l-oħra; u wara li rat l-artikoli 15 (1) (a) (3) tal-Kap. 65 u 226 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lil Anthony Zahra għall-multa ta' mitejn lira (Lm200.00,0) u tiskwalifikah milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għall-tmint (8) ijiem, liema skwalifika tibda sseħħ minn nofs il-lejl u minuta ta' għada.